## 31 ta' Mejju, 1993

## Imħallef: –

## Onor. Joseph A. Filletti B.A., LL.D., A.R. Hist. S.

Il-Prokuratur Legali Joseph Zammit *noe*

*versus*

George Schembri Orland *noe et*

## Azzjoni Kambjarja

*Meta jaċċetta kambjala, l-aċċettant jieħu fuqu l-obbligazzjoni li jħallas l-ammont tagħha, u ma jistax jinħeles minn din l-obbligazzjoni, anke jekk it-traent, jew dak li akkont tiegħu tkun ġiet aċċettata l-kambjala, ikun, mingħajr ma jkun jaf l-aċċettant, falla qabel l-aċċettazzjoni tal-kambjala. Minbarra dan, dawk kollha li ffirmaw, aċċettaw jew iġġiraw kambjala huma obbligati in solidum għall-garanzija lejn il-possessur.*

Il-Qorti: -

Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-attur *nomine* li biha hemm premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni;

Premess li l-attur *nomine* jinsab kreditur tal-konvenut *nomine* fis-somma ta' tmien mija u erbgħin lira Maltija (Lm840.00,0) import ta' ħmistax-il kambjala, hawn esebiti *animo ritirandi* maħruġin u ġġirati favur l-attur *nomine* mis-soċjetà kummerċjali *Electro-Mechanical Equipment Company Limited* u aċċettati mill-konvenut *nomine;*

U premess li dawn il-ħmistax-il kambjala mmaturaw u ma ġewx imħallsa mill-aċċettanti George Schembri Orland *nomine;*

U premess li l-attur *nomine* interpella lill-konvenut *nomine* sabiex iħallas dawn il-kambjali skaduti permezz ta' ittra uffiċjali ddatata 4 ta' Ottubru, 1991, hawn esebita, iżda dan baqa' inadempjenti;

U premess li dan id-debitu huwa ċert, likwidu u skadut u fil-*fehma ta' l-attur nomine* l-*konvenut nomine m'*għandux eċċezzjonijiet x'jagħti u għalhekk jinkwadra ruħu fl-artikolu 167 *et seq,* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12);

Talab lil din il-Qorti għaliex għandha:

1. Taqta' u tiddeċidi din il-kawża bid-dispensa tas-smigħ *ai termini* ta' l-artikoli 167 *et seq* tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12); u

2. Tikkundanna lill-konvenut *nomine* jħallas lill-attur *nomine* s-somma ta' tmien mija u erbgħin lira Maltija (Lm840.00) import ta' ħmistax-il kambjala maħruġin u ġġirati favur l-attur *nomine* mis-soċjetà kummerċjali *Electro Mechanical Equipment Company Limited* u aċċettati mill-konvenut *nomine;*

Bl-ispejjeż komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali ta' l-4 ta' Ottubru 1991 u l-imgħaxijiet legali mid-data ta' l-iskadenza ta' kull kambjala sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut *nomine;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* li biha jeċċepixxi:

1. Illi s-soċjetà konvenuta mhix id-debitriċi għas-somma mitluba fiċ-ċitazzjoni *stante* li d-debitu oriġinali li kellha mas-soċjetà *Electro Mechanical Equipment Company Limited* kien ġie kkanċellat meta l-eċċipjent *nomine* rritorna l-makkinarju li kien l-oġġett tal-ħruġ tal-kambjali *de quo,* u dan kif jirriżulta mill-anness ittra Dok. A;

2. Salv eċċezzjonijiet oħra b'riserva għad-dritt li l-eċċipjent jikkjama fil-kawża rappresentant tas-soċjetà *EMEC Limited;*

3. Bl-ispejjeż;

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-kjamati in kawża Michael Camilleri u George Camilleri *nomine* li biha jeċċepixxu:

Illi t-talbiet attriċi kif diretti fil-konfront tagħhom *nomine* huma infondati fil-fatt u fid-dritt għaliex l-eċċipjenti *nomine* m'għandhom ebda interess ġuridiku *stante* li huma ġġiraw il-

kambjali msemmija fiċ-ċitazzjoni għalhekk għandhom jiġu lliberati mill-osservanza tal-ġudizzju;

Salvi eċċezzjonijiet oħra;

Rat id-dikjarazzjoni tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda tagħhom flimkien mad-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawża u semgħet lix-xhieda prodotta;

Ittrattata l-kawża;

Ikkunsidrat li l-attur *nomine* qed jittanta l-*actio cambiaria* a bażi ta' ħmistax-il kambjala maħruġin u ġġirati favur tiegħu mis-soċjetà kummerċjali *Electro Mechanical Equipment Company Limited*, liema kambjali ġew aċċettati mill-konvenut *nomine*. L-oriġinal tal-kambjali ġew debitament esebiti u fuqhom tidher il-firma tal-konvenut *nomine*. It-teżi tal-konvenut hija dik li huwa ssalda d-debitu li kellu mas-soċjetà *Electro Mechanical Equipment Company Limited* u b'xiehda ta' dan esebixxa ittra fuq *letterhead* ta' l-*Emec* iffirmata minn John Zahra, *service manager*, li ma ġiex prodott b'xhud. L-istess konvenut *nomine* esebixxa wkoll kopja ta' *bank draft* li turi ħlas ta' Lm320. Dan l-ammont fil-fatt jinsab rikonoxxut mill-bank attur però mhux bħala ħlas per saldu, kif pretiż mill-konvenut *nomine*, imma biss bħala ħlas akkont;

Michael Camilleri u George Camilleri għan-nom u in rappresentanza tas-soċjetà kjamata in kawża xejn ma kkonfortaw jew saħħew l-eċċezzjoni tal-konvenut *nomine* għaliex fin-nota tagħhom iddikjaraw li huma kienu ġġiraw il-kambjali msemmija fiċ-ċitazzjoni u għalhekk għandhom jiġu lliberati mill-osservanza

tal-ġudizzju. Jidher in oltre li l-konvenut *nomine* bbaża ħafna ruħu fuq John Zahra iżda, meta pproduċieh b'xhud, dan Zahra kien inkonklussiv għall-aħħar. Wara li xehed beda biex qal li huma kienu biegħu però in segwitu ħadu lura l-*photocopier* li wassal għad-debitu in kwistjoni u kellhom isiru xi aġġustamenti fl-ammont dovut lilhom billi huma ma setgħux iħallsu l-prezz kollu lura lill-konvenut *nomine*. Imbagħad ix-xhud issokkta hekk:

"Nitakar li konna wasalna għall-valur, però kemm kienet eżatt (il-magna) m'għadnix niftakar għax għadda ż-żmien. Però jekk saru xi aġġustamenti ma dħaltx aktar fihom għax ... il-kariga tiegħi m'għandhiex x'taqsam mal-finanzi";

Mhux eskluż li bejn il-konvenut *nomine* u l-kjamat in kawża kien hemm xi saldament tad-debitu iżda ċertament dan ma setax jaffettwa l-posizzjoni tal-bank attur bħala l-pussessur tal-kambjali. Skond il-liġi – ara l-art. 151 u 152 tal-Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta – il-kambjala għandha tiġi aċċettata minnufih li tiġi ppreżentata jew l-aktar tard fi żmien 24 siegħa mill-preżentata tagħha. Bl-aċċettazzjoni ta' kambjala, l-aċċettant jieħu fuqu l-obbligu li jħallas l-ammont tagħha, u ma jijstax jiġi meħlus minn dan l-obbligu, għalkemm it-traent, jew dak li akkont tiegħu l-kambjala ġiet aċċettata, ikun, mingħajr hu ma kien jaf, falla qabel l-aċċettazzjoni tal-kambjala. Minbarra dan, dawk kollha li ffirmaw, jaċċettaw jew idawru kambjala, huma obbligati *in solidum* għall-garanzija lejn il-pussessur. Dan ifisser li *una volta* l-kambjali huma fil-pussess tal-bank attur, kif ukoll li huma mmaturaw għall-ħlas u qed jintalab il-ħlas tagħhom il-konvenut *nomine* jrid iħallas l-ammont muri fihom;

Għal dawn ir-raġunijiet:

Tiddeċidi billi fileaqt li tirrespinġi l-eċċezzjonijiet tal-konvenut *nomine* u tilqa' dawk *tal-kjamati fil-kawża*, **tilqa'** *t*-talba attriċi kif dedotta u għall-ammont mitlub kontra l-konvenut *nomine* u tikkundannah iħallas dana l-ammont kompriżi interessi kif mitlub sa l-effettiv ħlas; u tillibera wkoll mill-osservanza tal-ġudizzju lill-kjamati in kawża. Il-kap ta' l-ispejjeż jitħallas interament mill-konvenut *nomine*.